**Laqgha Numru 10/K7/2013**

**Introduzzjoni**

L-Ghaxar Laqgha tas-Seba' Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2013 li saret nhar l-Erbgha 28 ta' Awwissu 2013.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.30 pm.

Prezenti: Is-Sindku Dean Hili, il-Vici Sindku Raymond Lanzon u l-Kunsillieri Evelyn Vella Brincat, Mark Causon u Charles Cesare flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Is-Sindku Dean Hili qara t-talba ta' qabel il-laqgha u wara ppresieda l-laqgha.

Ghall-parti mill-laqgha kien hemm il-prezenza tal-pubbliku.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie ppubblikat fl-20 ta' Awwissu 2013. L-Agenda kienet:

1. **Approvazzjoni tal-Minuti 09/K7/2013.**
2. **Punti li johorgu mill-Minuti 09/K7/2013.**
3. **Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.**
4. **Komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsilliera.**
5. **Mistoqsijiet.**
6. **Korrispondenza.**
7. **Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.**
8. **Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.**
9. **Mozzjoni 02/2013 - Oggezzjoni emendi ghall-konfini tal-lokal.**
10. **Mozzjoni 03/2013 - North Harbours Local Plan.**
11. **Approvazzjoni tal-kontijiet.**
12. **Materji ohra.**

## 01. Approvazzjoni tal-Minuti 09/K7/2013.

1.01. Is-Sindku Dean Hili ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti referenza 09/K7/2013 kif ipprezentati.

1.02. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

1.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 02. Punti li johorgu mill-Minuti 09/K7/2013.

2.01. Is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li ma kien hemm ebda punti pendenti.

## 03. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.

3.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill **Memo 066/2013** – Laqgha mal-Principal Kullegg Santa Klara **(Ara Dok. A); Memo 067/2013** - Rendikont każ Vincent Norman Mifsud **(Ara Dok. B); Memo 068/2013** – Lista t'ilmenti **(Ara Dok. C); Memo 069/2013 -** Lista ta' laqghat li saru 09/K7/13 u 10/K7/13 **(Ara Dok. D);** Contract Agreement propost ghal gbir ta' vetturi u oggetti abbandunati. **(Ara Dok. E) u** Flyer dwar Vandalizmu fil-lokal, Gurnata ghal Ghawdex, Korsijiet Lifelong Learning u Car free day. **(Ara Dok. F, G, H u I)**

3.02. Dwar il-Contract Agreement ghall-gbir ta' oggetti u vetturi abbandunati, is-Sindku Dean Hili pppropona li tintbaghat cirkulari lir-residenti kollha bl-azzjonijiet li ser jibdew jittiehdu. Il-kelliem ippropona li din ghandha tidhol b'effett mill-1 ta' Ottubru 2013.

3.03. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

3.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.05. Il-membri tal-Kunsill gew ipprezentata ukoll kopja tad-DVD dwar il-lokal u materjal konness mal-progett ta' l-EU OSDDT fosthom DVD, booklet u pjanta informattiva dwar il-lokal.

## 04. Komunikazzjonijiet mis-Sindku u l-Kunsilliera.

4.01. Is-Sindku Dean Hili rrefera lill-Kunsill ghat-tqeghied tad-dokumenti ndikati taht item 3.

## 05. Mistoqsijiet.

5.01. Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet is-Sindku Dean Hili ghadda ghas-suggett li kien imiss.

## 06. Korrispondenza.

6.01. Fuq il-mejda tal-Kunsill qabel u waqt il-laqgha, kien hemm esebiti l-kontijiet, l-ilmenti u l-korrispondenza kollha li dahlet u harget bejn is-6 u 28 ta' Awwissu 2013 u dan ghas-sodisfazzjon tal-Kunsilliera.

**46/4340/13/I** 01/08/2013 — E-mail minghand Michelle Bonello li toqghod Block 12B, Flt 5, Triq Pietro Rossell fejn baghtet lista ta' proposti sabiex jigu diskussa waqt il-laqgha ta' l-amministraturi minhabba li ma setghetx tattendi.

6.02. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/4340/13/I** is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li l-Ministru giet infurmata b'dan. Il-kelliem ippropona li l-Kunsill ghandu jibghat kopja tal-korrispondenza relatata lill-amministraturi li kienu wrew interess, kif ukoll lill-amministraturi ohra jekk il-Kunsill ikollu nformazzjoni dwarhom.

6.03. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4405/13/I** 06/08/2013 — Talba ghall-permess biex jinghalqu xi toroq ghall-gbid ta' film Daniz.

6.05. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/4405/13/I** il-Kunsillier Mark Causon ippropona li kull meta jkun hemm rikjesta simili, il-Kunsill ghandu jinkoragixxi li l-operatur ghandu jikkontribwixxi lura lill-lokal kontribuzzjoni b'forma ta' inizjattiva ambjentali favur il-lokalita'.

6.06. Is-Sindku Dean Hili ssekonda.

6.07. Il-Kunsill qabel unanimament.

| | |
|---|---|
| **46/4418/13/I**<br>08/08/2013 | Emails minghand diversi residenti fi Triq il-Mediterran dwar il-konsultazzjoni t'installazzjoni ta' Road humps fejn minn 15-il familja rrispondew 9, li minnhom 7 oggezzjonaw filwaqt li 2 accettaw. |
| **46/4468/13/O**<br>09/08/2013 | Kopja t'ittra li l-Kunsill kien baghat lura fl-2007 lil-ex Ministru J. Mugliette biex jinstab dhul alternattiv ghall-Melita FC mill-akwati ta' l-iskejjel. |

6.08. B'referenza ghall-korrispondenza numri **46/4418/13/I u 46/4468/13/O** is-Sindku Dean Hili talab lis-sur Pierre Gatt, li joqghod fl-area u li kien prezenti ghal-laqgha, sabiex jaghti l-veduti tieghu lill-Kunsill dwar dan il-kaz.

6.09. Wara l-kontribut tas-sur Gatt, il-Kunsill irringrazzja lis-sur Gatt u kompliet il-laqgha formalment.

6.10. Wara diskussjoni, is-Sindku Dean Hili ppropona li jigu ordnati tabelli ta' speed limit u tabelli suq bil-mod biex jehlu fi Triq il-Mediterran fil-parti ta' bejn Triq il-Fortizza u Triq G. Henin. Il-kelliem irrakkomanda ukoll li l-Kunsill jikseb aktar informazzjoni dwar l-installazzjoni ta' CCTV, speed cameras u speed sensors. Finalment irrakkomanda li dan is-suggett ghandu jerga' jigi diskuss aktar il-quddiem.

6.11. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda u zied li ghandha tintalab laqgha mad-dirigenti tal-Melita FC. sabiex dawn jinfurmaw lill-membri taghhom biex jimmoderaw fis-sewqan taghhom fi triqthom minn u lejn il-klabb.

6.12. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.13. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill ghandu jkollu policy li meta l-Kunsill ikun qed jiddiskuti materja partikulari u jkun hemm residenti prezenti, l-Kunsill jirriserva dritt li jitlob l-ghajnuna taghhom.

6.14. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

6.15. Il-Kunsill qabel unanimament.

| | |
|---|---|
| **46/4424/13/I**<br>08/08/2013 | Email minghand Anton Zarb jistaqsi lill-Kunsill ghall-pjanta ta' fejn ser jigu nstallati d-dog litter bins. |
| **46/4430/13/O**<br>08/08/2013 | Email lill-membri tal-Kunsill biex jindikaw fejn jixtiequ li jigu nstallata 7 litter bins ghall-hmieg tal-klieb. |

6.16. B'referenza ghall-korrispondenza numri **46/4424/13/I u 46/4430/13/O** il-Kunsillier Mark Causon ippropona li dawn il-bins jehlu (1) fil-Gnien Clifford Micallef, (2) biswit il-parkegg li hemm hdejn l-iskola primarja, (3) fid-dahla ta' St. Patricks, (4) Triq il-Mediterran hdejn il-kamra tad-dawl, (5) Triq il-Mediterran faccata tal-Bring in sites kantuniera mat-triq li taghti ghal Pembroke Athleta, (6) Triq Cassino, u (7) Triq il-Profs Walter Ganado faccata ta' Pembroke Athleta Club. **(Ara Dok. J)**

6.17. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.18. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4447/13/O** 09/08/2013 — Twegiba lill-PPCD dwar claim 6 tal-progett ta' l-EU OSDDT.

6.19. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/4447/13/O** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill jikteb ufficjalment lil Zum Coop fejn jigu nfurmata li ser jinzammu responsabbli kif ukoll li l-Kunsill ghandu jipprocedi mal-PPCD biex il-claim tinghalaq bl-informazzjoni li ghandu l-Kunsill.

6.20. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

6.21. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4472/13/I** 10/08/2013 — Emails minghand diversi residenti fejn jghidu jaqblux jew le jekk ghandiex titnehha l-iskip ta' Triq Pietro Rossell. Kien hemm rispons minn 8 familji – 1 jaqbel li titnehha (amministratur ta' Blokk B5) u 7 jaqblu li tibqa' l-iskip.

6.22. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/4472/13/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li abbazi tar-rispons li rcieva l-Kunsill fejn ir-residenti qablu li l-iskip ghandha tibqa', din ghandha tibqa' fejn tinsab.

6.23. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

6.24. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4498/13/I** 13/08/2013 — Email minghand l-ex Sindku Joe Zammit dwar (1) marki tat-traffiku fi Triq Normandy san-nizla ta' Triq il-Fortizza, (2) nuqqas ta' livell fil-knis fil-lokal, (3) kumment dwar il-memento li nghataw l-ex membri tal-Kunsill f'Jum il-lokal minhabba li hass li setghet saret skrizzjoni li tindika x-xoghol li kienu ghamlu meta servew fil-Kunsill, (4) il-partecipazzjoni fl-ECAD, (5) programmi dwar gemellaggi nkluz li Bergen ghadhom interessati li jkunu gemellati mal-lokal, (6) lista ta' dikasteri tal-membri tal-Kunsill, u (7) laqghat tal-Kunsill stream live fuq l-internet.

6.25. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/4498/13/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill jordna l-marki tat-traffiku li qed issir referenza ghalihom, inkluz fi Triq Alamein, Triq Falaise, Triq Normandy, Triq Cassino, Triq il-Mediterran u madwar l-iskola primarja.

6.26. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

6.27. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.28. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat stqarret li l-ittri tal-Kunsill ghandhom jinhargu b'decizjoni tal-Kunsill u mhux fuq inizjattivi personali.

6.29. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon irrimarka li l-intenzjoni tas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg jirrizulta li ma kienetx biex joskura lill-Kunsill jew lill-membri tal-Kunsill prezenti anzi kienet bil-maqlub.

**46/4502/13/I** 13/08/2013 — Ittra ufficjali mill-Qort Civili f'isem il-familja Norman li joqghodu 26, Triq il-Kurunell Cocks fejn talbu sabiex fi zmien gimgha mid-data ta' l-ittra isir il-hlas dovut ghall-hsarat li soffrew lura f'Awissu 2009 meta kien dahlilhom ilma fid-dar.

6.30. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/4502/13/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill ghandu jwiegeb li huwa konxju tal-fatt li l-haddiema l'ikkagunaw il-hsarat li ghalija qieghda ssir referenza ma kienux haddiema tal-Kunsill peress li x-xoghol kien qieghed isir minn entita` kompletament distinta mill-Kunsill u li ghalhekk ma huwa jassumi l-ebda tip ta' responsabilita'. Il-kelliem informa lill-Kunsill li kien ser

jissottometti din it-twegiba ghan-nom tal-Kunsill fil-kapacita’ tieghu bhala Avukat u li ghalija hemm xi hlasijiet tar-registru tal-Qorti.

6.31. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

6.32. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4518/13/I** 13/08/2013 Email minghand il-Kunsillier Mark Causon fejn baghat il-mozzjoni fuq il-Local Plan emendata u ssekondata mill-Kunsillier Charles Cesare.

**46/4583/13/I** 21/08/2013 Mozzjoni emendata minghand il-Kunsillier Mark Causon dwar in-North Harbour Plan 2013 kif ukoll emendi proposti mill-Vici Sindku Raymond Lanzon.

6.33. B’referenza ghall-korrispondenza numri **46/4518/13/I u 46/4583/13/I** is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li dawn ser jigu diskussa aktar tard.

**46/4534/13/I** 14/08/2013 Email minghand il-Kunsillier Mark Causon jinforma lill-Kunsill bi proposta ghall-Europe for Citizens : Twinned Towns call for the Municipality of Piverno.

6.34. B’referenza ghall-korrispondenza numru **46/4534/13/I** il-Kunsillier Mark Causon ippropona li l-Kunsill jirratifika d-decizjoni li japprova din it-talba u jippartecipa.

6.35. Is-Sindku Dean Hili ssekonda.

6.36. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4537/13/I** 14/08/2013 Email minghand il-CM Raphael Carabott fejn ipprovda lill-Kunsill proposta ta’ work plan ghal Tender 10/2013 - Cleaning clearing and grass cutting of Soft Areas in an environmentally friendly manner.

**46/4608/13/I** 22/08/2013 Email minghand il-CM Raphael Carabott fejn ipprovda lill-Kunsill proposta ta’ work plan ghal Tender 08/2013 - Weeding, Sweeping and Cleaning of Urban Roads in an environmentally friendly manner.

**46/4610/13/I** 22/08/2013 Email minghand il-CM Raphael Carabott fejn ipprovda lill-Kunsill proposta ta’ work plan ghal Tender 09/2013 - Weeding Sweeping and Cleaning of Non Urban Roads in an environmentally friendly manner.

6.37. B’referenza ghall-korrispondenza numri **46/4537/13/I, 46/4608/13/I u 46/4610/13/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill japprova dawn il-work plans. Il-kelliem ippropona wkoll l’issir laqgha mal-kuntratturi koncernata fil-prezenza tal-CM sabiex jigi spjegat lilhom id-dmirijiet taghhom skond il-kuntratt kif rivedut u l-irwol tal-CM fil-kaz li jkun hemm xi nuqqas ta’ xoghol. **(Ara Dok. K, L u M)**

6.38. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda u zied li l-Kunsill ghandu jinforma lir-residenti b’dan inkluz li jippubblika l-iskeda tal-knis tat-toroq fuq il-facebook tal-Kunsill.

6.39. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.40. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat talbet li fejn ma jsirx xoghol ghandu jinhareg default immedjatament.

6.41. Kien hemm qbil li l-Contracts Manager ghandu jkun vigilanti fuq il-kuntratturi biex il-Kunsill jiehu valur tax-xoghol li ser ihallas ghalih.

**46/4543/13/I** 16/08/2013 Email minghand Green Energy Power Solutions Ltd. jitolbu l-permess tal-Kunsill sabiex ghal gimghatejn jaghmlu stand informattiv fic-centru tal-

lokal.

6.42. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/4543/13/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill ma jsibx oggezzjoni izda l-kumpanija ghandha tintalab thallas il-permess bhal tal-gabbani jigifieri dak ta' €23.29 kuljum.

6.43. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.44. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4568/13/I** 20/08/2013 Email minghand l-amministraturi ta' Sit B jitolbu cavetta lill-Kunsill tal-kamra fejn hemm l-arlogg tad-dawl tal-komun.

**46/4597/13/O** 21/08/2013 Email li ntbghatet lill-membri tal-Kunsill dwar talba ta' l-Amministraturi ta' Sit B biex jinghataw ic-cwievet tal-kamra tad-dawl fejn hemm l-arlogg tal-komun.

6.45. B'referenza ghall-korrispondenza numri **46/4568/13/I u 46/4597/13/O** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill ma jsibx oggezzjoni ghal din it-talba.

6.46. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.47. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4577/13/I** 21/08/2013 Email minghand l-ECAD jinfurmaw lill-Kunsill bis-seminar li ser issir bejn it-12 u l-14 ta' Ottubru f'Riccione, Italja.

**46/4601/13/I** 21/08/2013 Email minghand l-ECAD jinfurmaw lill-Kunsill li l-laqgha li jmiss ta' l-Advisory Board ser issir fis-26 u 27 ta' Settembru f'Ruma. (Il-Kunsill diga approva li jippartecipa rif. Minuti 08/K7/2013 – 6.38)

6.48. B'referenza ghall-korrispondenza numri **46/4577/13/I u 46/4601/13/I** is-Sindku Dean Hili informa lill-Kunsill li la huwa u lanqas il-Vici Sindku Raymond Lanzon ma jistghu jattendu u ghalhekk, wara li l-Kunsillier Mark Causon wera d-disponibilita' tieghu, ippropona li l-Kunsill ikun rapprezentat mill-Kunsillier Mark Causon ghall-konferenza li ser issir f'Ruma.

6.49. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.50. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4578/13/I** 21/08/2013 Email minghand il-Pulizija jitolbu lill-Kunsill sabiex jitnehhew zewg vetturi abbandunati li hemm f'Sit A Triq Pietru D'Armenia.

6.51. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/4578/13/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill ghandu jqabbad lis-sur Borda, li jirrizulta li diga jaghmel xoghol simili ma' Kunsill iehor, liema servizz qed jofrih minghajr hlas, sabiex inehhi vetturi u oggetti li jkunu abbandunata fil-lokal. Il-kelliem ippropona li s-sur Borda ghandu jitghabba bir-responsabilita' li jaccerta lill-Kunsill li jimxi strettament mal-Ligi inkluz li kull terminu moghti lis-sid, ikun skada qabel tittiehed azzjoni.

6.52. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

6.53. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4586/13/I** 21/08/2013 Proposta minghand il-Kunsill ta' Roccalumera biex il-Kunsill Lokali Pembroke japplika ghall-fondi ta' l-EU biex jospita' grupp u huma japplikaw biex jirreciprokaw lura.

6.54. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/4586/13/I** il-Kunsillier Mark Causon ippropona li minhabba li z-zmien huwa qasir, il-Kunsill ma jistax jilqa' din it-talba.

6.55. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.56. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4612/13/I** 22/08/2013 Email minghand il-MEPA b'applikazzjoni ghal zvilupp PA 02421/13 – Restoration and conservation of existing pre-1967 structure and proposed cesspit for existing sanitary facilities and underground reservoir.

6.57. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/4612/13/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li la ser isir xi thaffir, wara kollox f'zona protetta u skedata, allura l-Kunsill ghandu jirregistra l-oggezzjoni tieghu minhabba li tinsab f'Sit Natura 2000.

6.58. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

6.59. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4624/13/I** 22/08/2013 Email minghand il-CM dwar il-palm li hemm fid-djar f'Wesghet ix-Xelter f'St. Patricks.

6.60. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/4624/13/I** il-Vici Sindku Raymond Lanzon ippropona li minhabba li huwa xoghol privat it-talba ma tistax tigi milqugha.

6.61. Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

6.62. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4637/13/I** 23/08/2013 Email minghand l-AKL dwar il-laqgha tas-Sindki u Vici Sindki li ser issir nhar is-27 u 28 ta' Settembru 2013 fil-lukanda Dolmen.

6.63. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/4637/13/I** is-Sindku Dean Hili informa lill-Kunsill li huwa kien ser jattendi.

6.64. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon informa lill-Kunsill li huwa mhux ser ikun jista' jattendi minhabba li ser ikun imsiefer fuq btala privata.

**46/4648/13/I** 23/08/2013 Email minghand s-sur Mike West jitlob laqgha mal-Kunsill dwar avveniment li jixtieq jorganizza fis-sit tal-BMX indoor skate park.

6.65. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/4648/13/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill jiltaqa' ma' l-organizzaturi sabiex jara ahjar x'qed jipproponu.

6.66. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.67. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4654/13/I** 26/08/2013 Ittra minghand TM jinfurmaw lill-Kunsill li ghandhom talba minghand is-sur Jonathan Zahra Davies li joqghod Blk 5, Flt 1, Triq Pietru D'Armenia li qed jitlob permess ghal Reserved Parking.

6.68. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/4654/13/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill ma jsibx oggezzjoni jekk dan jilhaq ir-rekwiziti u jissupplixxi d-dokumenti necessarja.

6.69. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

6.70. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4657/13/I** 26/08/2013 Email minghand il-librara Lara Calleja titlob li jizdiedu b'saghtejn fil-gimgha il-hinijiet tal-ftuh tal-librerija.

6.71. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/4657/13/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsillier Mark Causon jaghmel kuntatt mal-librara u jinforma lura lill-Kunsill bl-ezitu tat-talbiet taghha. Dwar is-sieghat il-Kunsill ghandu japprova li jizdiedu 2 fil-

gimgha fejn il-Kunsill huwa ta' l-opinjoni li dawn ghandhom ikunu nhar ta' Sibt bejn id-9.30am u l-11.30am.

6.72. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

6.73. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 07. Kumitati Kongunti ta' l-LES, Kumitat Regjonali u n-NHDJC.

7.01. Is-Sindku Dean Hili rrefera lill-membri tal-Kunsill ghall-Minuti tal-laqghat ta' dawn il-kumitati.

## 08. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.

8.01. Peress li ma kienx hemm attivitajiet godda, is-Sindku Dean Hili ghadda ghas-suggett li kien imiss.

## 09. Mozzjoni 02/2013 – Oggezzjoni emendi ghall-konfini tal-lokal.

9.01. Is-Sindku Dean Hili talab lill-Kunsillier Mark Causon biex iressaq il-mozzjoni tieghu.

9.02. Il-Kunsillier Mark Causon ippropona li tigi diskussa mozzjoni numru 02/2013. **(Ara Dok. N)**

9.03. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

9.04. Il-Kunsillier Mark Causon ippropona l-approvazzjoni tal-mozzjoni kif pprezentata u tingieb informazzjoni minghand l-ELC dwar jekk il-manutenzjoni ta' Triq il-Profs Walter Ganado hijiex isir ghas-spejjez tal-Gvern Centrali jew tal-Kunsill Lokali San Giljan.

9.05. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

9.06. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 10. Mozzjoni 03/2013 – North Harbour Local Plan.

10.01. Is-Sindku Dean Hili talab lill-Kunsillier Mark Causon biex iressaq il-mozzjoni tieghu.

10.02. Il-Kunsillier Mark Causon ippropona li tigi diskussa mozzjoni numru 03/2013. **(Ara Dok. O)**

10.03. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

10.04. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon ressaq emendi ghall-mozzjoni.

10.05. Il-Kunsillier Mark Causon ippropona l-approvazzjoni tal-mozzjoni kif emendata.

10.06. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

10.07. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 11. Approvazzjoni tal-kontijiet.

11.01. Is-Sindku Dean Hili pprezenta l-iskeda tad-dhul u hrug. **(Ara Dok. P, Q u R)**

11.02. Wara li l-Kunsilliera raw u skrutinaw il-kontijiet kollha kif ipprezentata, is-Sindku Dean Hili ppropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif ipprezentata.

11.03. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

11.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.05. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ilmentat li l-kumpanija Premiere Post mhux qed jiddepozitaw il-materjal tal-Kunsill fil-letter boxes izda dan qed jithalla fuq l-ghatibi tad-djar. Il-kelliema talbet li l-Kunsill jikseb informazzjoni minghand il-Maltapost plc ghas-servizzi simili li joffru.

## 12. Materji ohra.

12.01. Is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill jorganizza laqghat mad-diversi zoni residenzjali fil-lokal fejn l-ewwel laqghat ghandhom ikunu mar-residenti ta' St. Patricks u wara Juno Flats.

12.02. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

12.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.04. Is-Sindku Dean Hili ppropona li tintbaghat ittra fid-djar dwar l-inizjattiva li jitwaqqaf Sotto Kumitat ghaz-zghazagh.

12.05. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

12.06. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.07. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li tintbaghat ittra fid-djar dwar l-inizjattiva li jitwaqqaf Sotto Kumitat dwar il-Harsien ta' l-Annimali.

12.08. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

12.09. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.10. Is-Sindku Dean Hili ppropona l'issir estenzjoni tas-servizz tal-Cash Collection mal-kumpanija Security Service ghall-prezz ta' €17.52 / collection.

12.11. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

12.12. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.13. Is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill jikteb lid-Dipartiment ta' l-Artijiet biex jitnaddaf is-sit li hemm bejn Triq Camillo Sciberras u Triq Mons. Mifsud Tommasi.

12.14. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

12.15. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.16. Is-Sindku Dean Hili ppropona li jigu ordnati 2 tabelli ta' residential parking li hemm nieqsa fi Triq Sir Luigi Preziosi, jinzebagh ic-centre line fi Triq Falaise u ssir iz-zebgha fuq ir-road hump il-gdida fi Triq Jum Pembroke.

12.17. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

12.18. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.19. Is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill jitlob lil TM biex jitnehhew ic-centre strips li hemm fi Triq il-Profs Walter Ganado u minflok isiru button type u jitpoggew cats eyes ma' l-art biex juri d-dilenazzjoni tat-triq.

12.20. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

12.21. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.22. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat infurmat lill-Kunsill li f'St. Patricks hemm cint biswit Blokk 1 li hemm bzonn li jghola u ghadu pendenti mill-Kunsill precedenti. Il-kelliema ppproponiet li dan ghandu jsir.

12.23. Is-Sindku Dean Hili ssekonda.

12.24. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.25. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat talbet li tintbaghat reminder lill-Ministru Joe Mizzi minhabba l-periklu li hemm faccata tal-Kunsill fejn hemm il-hajt li gie vandalizzat.

12.26. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat infurmat lill-Kunsill li l-Ex Sindku Joe Demicoli kien talabha biex il-plakka li hemm li tfakkar l-ewwel Kunsill ghandha titpogga f'post aktar prominenti. Il-kelliema ipproponiet li din ghandha ticcaqlaq ghal post alternattiv.

12.27. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

12.28. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.29. Is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li l-ilmenti pendenti ser jigu diskussa fil-laqgha li jmiss.

12.30. Is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill iqabbad lill-J&K Contractors biex isib soluzzjoni biex jigi rrangat il-hand rail li hemm quddiem il-Kunsill.

12.31. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

12.32. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.33. Is-Sindku Dean Hili ghalaq il-laqgha fl-10.40pm wara li ntlahaq ftehim li l-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar l-Erbgha 18 ta' Settembru 2013 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| Dean Hili | Kevin Borg |
| ***Sindku*** | ***Segretarju Ezekuttiv*** |